# TGĦID?

*Ta'* Ġużi Micallef Grimaud

Inħobbok!
X'kelma!
Kemm għidnieha lil xulxin
b'leħen mksur b'biki ġewwien ta' ferħ
taħt sema jsewden sajfi,
b'xi kewkba fih, lil hawn u 'l hinn,
li tfeġġ u tilma w tgħib,
u terġa' tfeġġ u tilma!

X'seħer ta' kelma!
Taf l-għala dat-tferfir,
dal-ferħ ta' ġenn,
dal-qbiż tal-qalb f'sidirna;
dal-lfiq u dat-tregħid,
dad-dmugħ,
dil-ħlewwa kollha
nieżla diluvju dwarna?

Taf l-għala l-estasi?

Taf l-għala kif ngħiduha lil xulxin,
dil-kelma,
fuq l-art ma jibqa' ħadd ħlief jien u int,
u l-ħsejjes biss jinstemgħu
ta' żewġt iqlub
qalb waħda?

Tgħid għax twerritna,
lili w lilek,
is-setgħa tal-Ħallieq
u t-tnejn tagħmilna,
int omm,
u jien missier,
ta' dinja ġdida?

Victoria, Għawdex, 25. 9. 51.